Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,979, 11 ta' Awissu, 2000
Taqsima B

A.L. 145 ta' l-2000

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2000 biex jemendaw ir-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tas-sena 2000 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts - B.A. - u Bachelor of Arts (Honours) -B.A. (Hons) - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara.

Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (1), (2) u (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) L-oqsma ta' studju li ġejjin jistgħu jkunu offruti fiż-żewġ Korsijiet:

l-Antropoloġija, l-Għarbi, l-Arkeoloġija, l-Arti, il-Klassiċi, l-Istudji Kontemporanji tal-Mediterran, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġeografija, l-Istorja, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, it-Taljan, il-Lingwistika, il-Malti, l-Istudji tal-Mediterran, l-Istudji tal-Mużika, l-Istudji tal-Lvant Qarib, il-Filosofija, l-Istudji Soċjali, is-Soċjoloġija, l-Istudji tat-Teatru, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor kif rakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat.

(2) L-oqsma ta' studju li ġejjin jistgħu jkunu offruti biss fil-Kors tal-B.A.:

l-Istudji Amerikani*, l-Istudji tal-Komunikazzjoni, ir-Reliġjon Komparata, l-Ekonomija, l-Istudji tal-Ġermaniż, il-Grieg*, l-Istudji Ispaniċi*, il-Latin*, il-Psikoloġija, u kwalunkwe qasam ta' studju ieħor kif rakkomandat mill-Bord u approvat mis-Senat.

* offrut biss bħala qasam ta' studju sekondarju

(3) L-oqsma ta' studju li ġejjin ma jistgħux jingħażlu flimkien:

- L-Antropoloġija u l-Istudji Kontemporanji tal-Mediterran
- Il-Ġeografija u l-Istudji Kontemporanji tal-Mediterran
- L-Istudji tal-Lvant Qarib flimkien ma' l-Għarbi jew ma' l-Arkeoloġija
- L-Istudji Soċjali u s-Soċjoloġija.

Qabel il-bidu ta' xi wieħed mill-Korsijiet, il-Bord jista' jindika abbinamenti oħrajn ta' oqsma ta' studju li ma jistgħux jingħażlu flimkien."